Minuti tal-43 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 19 ta' Ottubru, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv — Joanne Apap Attard

### 1. *Approvazzjoni tal-Minuti tat-42 laqgha.*

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Is-Sindku irrefera ghad-dikjarazzjoni tieghu tal-laqgha precedenti dwar iz-zwieg tieghu mas-Segretarju Ezekuttiv. Gie spjegat illi s-Segretarju Ezekuttiv infurmat lid-Direttur Gvern Lokali b'dan u talbet il-gwida tad-Dipartiment f'dan ir-rigward. Giet trattata ir-risposta tad-Direttur li rrefera ghall-Artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jitratta dwar Qraba ta' Kunsillieri li f'dan il-kaz wiehed irid jimxi strettament mieghu. Il-korrispondenza tpoggiet fuq il-mejda biex il-membri jkunu jistghu jarawha.

1.3 Is-Sindku ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill dikjarazzjonsi skond l-Artiklu 20 ta' l-Att, dwar ir-relazzjoni familjari rilevanti tieghu mas-Segretarju Ezekuttiv liema dikjarazzjoni inqrat waqt il-laqgha.

### 2.0 **Offerti Tindif tat-toroq u xoghol ta' paving.**

Il-Kunsill ra l-offerti sottomessi ghat-tindif tat-toroq. Din l-offerta kienet tinkludi provvista' ghal rata ta' qtugh ta' haxix fit-toroq non urbani kif ukoll provvista' *ghal rata ta' servizz ta' handyman. Gew sottomessi zewg offerti minghand Paul* Borg u Andrew Custo'. Paul Borg biss issottometta l-offerta ghall-knis u t-tindif tat-toroq urbani ghas-somma ta' €13,766 fis-sena u rata kull gurnata ta' €51.94. Il-Kunsill qabel ma l-offerta tal-knis tat-toroq urbani ta' Paul Borg. Peress li l-prezz ta' l-offerta huwa ferm oghla mill-budget li l-Kunsill ghandu ghal din is-sena finanzjarja, gie deciz li sa tmiem is-sena is-servizz ghandu jigi aggustat skond il-budget li ghandu allokat il-Kunsill.

2.1 Dwar is-servizz ta' qtugh ta' haxix minn toroq non urbani il-Kunsill qabel illi ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ohra.

2.2 Il-Kunsill ra l-offerta sottomessa ghal xoghol ta' pavimentar. Giet sottomessa offerta wahda minghand Joseph Mercieca. Din kienet tammonta ghal €25,243 ghal *raised pavements* u €17,622.25 ghal pavimentar tal-wicc tat-triq, stima ibbazata fuq Pjazza Gerano.

2.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-materjal li ser jintuza ghall-wicc ta' Pjazza Gerano li bhalma kien deciz f'laqgha precedenti dan ser ikun anticato paving blocks. Emanuel Muscat qal illi huwa fuq l-ezempju tal-Pjazza tan-Naxxar ma jaqbilx li Pjazza Gerano tinghata wicc tal-anticato paving blocks.

2.4 Is-Sindku spjega illi wara li giet publikata din l-offerta kien hemm xi zviluppi fuq il-progett M323 fejn qed jirrizulta li hemm possibilita' li jkun hemm xi fondi mfaddla. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Paying Agency biex il-fondi mfaddla jintuzaw ghar-restawr ta' Pjazza Gerano (pavimentar) u parti mir-restawr tal-faccata tal-Knisja. Raymond Cassar ippropona illi l-fondi mfaddla ghandhom jintuzaw kollha kemm huma ghall-faccata tal-Knisja. Is-Sindku spjega illi huwa jaqbel perfettament izda l-unika preokkupazzjoni hija x'budget ser ikun hemm disponibbli ghal Pjazza Gerano. Il-Kunsill qabel illi l-bankini fi Pjazza Gerano mhux ser jinqalghu izda ser isir wicc gdid ghat-triq biss.

2.5 Il-Kunsill qabel illi ghandu jitlob lill-Perit jaggorna l-istima tar-restawr tal-faccata tal-Knisja.

**3.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

3.1 *Il-Kunsill iddiskuta* dwar *l-andament tal-progett M323.* *Dwar il-hitan* tas-sejjieh fi Triq San Dimitri gie spjegat illi x-xogholijiet jinsabu mexjin.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar xi gebel li allegatament tnehha mil-lant tax-xoghol minn individwu privat u ttiehed hdejn rampa tal-istess individwu. Emanuel Muscat qal illi dan il-gebel ~~kien misruq~~ Maqas minn ~~San Dimitri~~ Sqaq Ta' Gini u staqsa jekk sarx rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Is-Sindku spjega illi huwa gie infurmat minn terzi persuni u ma rax serq isehh ghalhekk ma jistax jirrapporta. Jista' jiss jikkonferma li kellu rapport verbali jekk jigi mistoqsi mill-pulizija.

3.3 Saret diskussjoni dwar Triq Dun Alwig Mizzi k/m Triq Virtu'. Gie deciz li ghandha ssir bankina u l-arblu ser jigi rrangat mill-Enemalta.

3.4 Dwar il-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-applikazzjoni tal-MEPA minhabba z-zuntier ser titla' bord fit-23 ta' Ottubru u li l-materjal taz-zuntier inbidel minn porfido ghall-franka. Gie spjegat illi l-kuntrattur ser jintalab stima tal-materjal il-gdid. Gie spjegat illi l-istess procedura ser tkun qed tintuza ghal taz-Zejt. Raymond Cassar staqsa jekk hux ser jitpogga plastic taht il-franka u s-Sindku ikkonferma.

3.5 Gie diskuss l-andament tax-xoghol ta' restawr fil-Knisja taz-Zejt. Gie diskuss ix-xoghol tat-tnehhija tal-cables tad-dawl mill-ajru fejn gie spjegat illi x-xoghol ser isir minn go katusa minn taht l-art. Gie spjegat illi l-metre ser isir fejn l-arkata. Raymond Cassar staqsa jekk is-sqaq ghal hdejn l-oqbra l-godda hux ser ikun pavimentat. Gie spjegat illi dan jiddependi mill-budget. Il-Kunsill iddiskuta illi dan ikun jizloq bic-cangatura. Dwar il-hitan tas-sejjieh gie spjegat illi ser isir sample u li l-Perit ga identifika il-hitan tas-sejjieh li jridu jsiru.

3.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kappella tal-cimiterju li giet restawrata min naha ta' barra u l-Arcipriet qed jitlob li din tkun restawrata minn gewwa wkoll. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir dejjem jekk jippermetti il-budget.

3.7 Dwar id-dawl gie spjegat illi qed isir id-dizinn tieghu.

3.8 Gie diskuss l-andament tax-xoghol ta' restawr ta' l-arkata fi Triq Sdieri fejn gie spjegat illi l-arkata hija lesta u ser tintalab stima lill-kuntrattur biex isiru dwal fl-arkata. Huwa stmat li jinhtiegu 21 bozza. Dwar il-hitan tas-sejjieh gie spjegat illi fadal madwar €7000 x'jintefqu f'xogholijiet ta' bini ta'hitan tas-sejjieh.

3.9 Raymond Cassar qal li hemm diversi dwal mahruqa fi Triq Ta' Pinu. *Ser isir rapport lill-Ministeru ghal Ghawdex peress li din triq taqa' taht* id-dekasteru taghhom.

3.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet li qed isiru min naha tal-WSC fil-pjazzetta hdejn ic-centru parrokkjali. Gie spjegat illi qed isiru pipijiet minn ma genb il-bankina biex jghaddu s-servizzi tad-dawl u servizzi ohra bhal GO u Melita fihom. Qed jintuzaw pipijiet tal-pied ghall-mejnijiet u ghas-servizz pipes tal-10 centimetri. Gie spjegat illi huwa ppjanat li x-xoghol ta' tqeghid ta' pipijiet ikun lest fi ftit jiem filwaqt li l-pavimentar ikun lest sa l-ahhar ta' Novembru.

3.11 Gie diskuss ix-xoghol fuq il-Progett PPP fejn gie spjegat illi Triq il-Knisja qed titkejjel biex ikun jista' jsir il-kont filwaqt li mistenni li l-parti t-isfel ta' Triq Trux tinghata il-livelli. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt li bhalissa ma jistax isir xoghol fuq il-parti ta' fuq ta' Triq Trux minhabba xogholijiet ohra li ghaddejjin fil-lokalita' partikolarment fi Pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali u fi Pjazza

Gerano. Lisa Marie Brooke ipproponiet li s-sigar jitnehhew minn Triq Trux.

3.12 Il-Kunsill qabel li fi Triq San Dimitri ghandu jsir xoghol ta' patching qabel il-festa ta' San Dimitri.

3.13 Il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kuncert fil-kappella ta' San Dimitri fl-okkazjoni tal-festa ta' San Dimitri.

3.14 Il-Kunsill iddiskuta l-progett M313 – diversifying rural tourism offer through leisure sports activities. Gie spjegat illi l-applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp waslet fl-istadju biex titla' bord. Gie spjegat ukoll li qed isiru l-preparamenti biex tigi ppublikata l-offerta.

3.15 Il-Kunsill iddiskuta l-andament ta' l-applikazzjoni ERDF ghall-finanzjament biex jinbena t-tieni sular tac-centru civiku li qed tigi ppreparata fejn it-tema tal-progett hija korsijiet, sahha u edukazzjoni. Gie spjegat illi saret ukoll applikazzjoni ghall-ko-finanzjament mill-fond ta' ko-finanzjament tal-persentagg li ma jkunx kopert mill-UE peress li l-Kunsill fis-sentejn ta' twettiq tal-progett propost huwa kommess bir-*repayment* tas-self fuq ic-centru civiku kif ukoll bil-progett PPP. Gie spjegat illi l-applikazzjoni ta' ko-finanzjament giet milqugha fil-principju taghha.

3.16 Carmen Vella ipproponiet li jigi organizzat partenal skills course. Il-Kunsill iddiskuta l-korsijiet li ser ikunu qed isiru fil-futur qarib fosthom kors fil-kura tad-dwiefer, kors tal-purtieri.

3.17 Il-Kunsill iddiskuta dwar ic-centru ta' matul il-jum tal-anzjani f'*Ghajnsielem. Gie spjegat illi l-Arcipriet qed jissuggerixxi illi din l-*attivita' tibda tinzamm gewwa l-lokalita' stess. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ikkonsultat mal-partecipanti jekk dawn jaqblux jew le.

3.18 Raymond Cassar staqsa jekk fiz-zona maghrufa 'tal-margun' hux qed jinghata xi konkos. Is-Sindku spjega illi minn informazzjoni li ghandu l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed taghmel progett biex jinghata konkos fit-toroq non urbani. Gie spjegat illi dik iz-zona kienet maghzula gewwa Ghawdex biex tinghata l-konkos bhala parti minn dan il-progett.

3.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar xogholijiet f'Wied il-Mielah, fejn gie spjegat illi saret ir-rampa minn fejn tghaddi il-familja Caruana li dwarha kien hemm korrispondenza fl-laqghat precedenti.

3.20 Is-Sindku spjega *illi* l-amministrazzjoni ta' Cinque Terre gewwa l-Italja ghamlu invit biex jospitaw delegazzjoni ta' 20 persuna mill-Gharb ghall-habta ta' Novembru/Dicembru. Gie spjegat illi l-

3.21 maggoranza tal-ispejjez mhux ser ikunu koperti u ghaldaqstant iridu jithallsu mill-partecipanti nnifishom. Jista' jkun illi Cinque Terre jipprovdu akkomodazzjoni u ikla wahda. Is-Sindku stieden lil min huwa interessat sabiex jikkonferma il-partecipazzjoni tieghu mill-iktar fis possibbli.

**4. Skeda ta' Pagamenti.**

4.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' bilanc finali pendenti fuq il-progett tac-*child care centre* li jammonta ghal €1708.06.

**5.0 Korrispondenza u materji ohra.**

5.1 Gie spjegat illi l-Ministeru ghal Ghawdex pprovdew 8 pipijiet tal-pied biex jintuzaw fil-pjazzetta hdejn ic-Centru Parrokkjali.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tac-centru ta' matul il-jum ghat-tfal Footsteps, fejn gie innutat illi l-attendenza ta' tfal mil-lokalita' hija wahda kemmxejn baxxa. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel kampanja ta' promozzjoni fil-lokalita' permezz tan-newsletter tal-Kunsill. Ghal dan il-ghan il-persuni li tmexxi c-centru ghandha tintalab toffri pakketti attraenti biex tkun tista' ssir promozzjoni dwarhom.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar rampa fi Triq l-Gharb. Emanuel *Muscat issuggerixxa illi ghandu jinbena hajt biex jerfa'* l-piz tar-rampa u ma ssirx hsara lill-bini. Gie deciz li ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex.

5.4 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

5.5 Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fl-Gharb.

5.6 Stima dwar bini ta' hajt tas-sejjieh u oghti ta' konkos fil-farm road maghrufa bhala 'ta' Kangla' ghall-ammont ta' €3168. Din l-istima hija ghal xoghol biss u ma tinkludix materjal. Is-Sindku spjega li mhux ta' l-opinjoni li l-Kunsill japprova aktar xogholijiet minhabba impenji ohra finanzjarji. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.7 Mill-MEPA: PC0032/12, korrispondenza dwar l-applikazzjonijiet tal-Kunsill PA5609/07, PA857/11, PA2187/12 u PA1880/12. Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA2269/12, PA2284/12, PA2471/12, PA2313/12,

5.8 Mill-KNPD Accessibility Audit Report dwar PA5609/07.

5.9 Offerta ta' qabel il-publikazzjoni fuq il-ktieb Duminku Mintoff bejn Storja u Miti. Il-Kunsill qabel li jixtri kopja wahda hard bound ghal librerija.

5.10 Mill-Ufficju tal-Kultura u Informazzjoni dwar Karnival ta' Ghawdex 2013.

5.11 Mill-Malta Communications Authority dwar formoli ta' applikazzjoni ghall-kors fl-uzu tal-kompjuter.

5.12 Minghand Blues Ltd. dwar ghamara u sinjali tat-toroq.

5.13 Minghand Mdina Attractions dwar attrazzjonijiet kulturali li joffru.

5.14 Minghand JP2 Foundation dwar proposta ta' attivita' kulturali fl-14 ta' Ottubru.

5.15 Minghand Beate Ines Hauff dwar talba ghal hlas ta' hsara fit-tabella tan-numru tad-dar taghha minn kuntrattur tal-Kunsill ghall-ammont ta' €75.15. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir il-hlas li imbaghad irid jitnaqqas mill-ammont dovut lill-kuntrattur.

5.16 Mir-Regjun Ghawdex dwar il-laqgha annwali plenarja ghas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Ezekuttiv li ser issr fis-27 ta' Ottubru.

5.17 Mill-Mtarfa Football Club dwar registrazzjoni minn kumpaniji/individwi li jixtieq jiehdu sehem fl-Imtarfa Christmas Market.

5.18 Mill-Malta Football Association fir-rigward ta' tours ghac-cittadini fil-bini tal-MFA.

5.19 Il-Kunsill iddiskuta il-Jum Dinji tat-tfal li ser jahbat fis-17 ta' Novembru, 2012. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza attivita' mal-iskola biex ifakkar dan il-Jum.

Il-laqgha spiccat hin 6.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv